MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 18/2007

**Avukat Luigi A. Sansone bħala mandatarju speċjali ta' *Johnson & Johnson*, socjetà estera**

***Versus***

**Avukat Richard Sladden u Prokuratur Legali Victor Bugeja maħturin b'dikriet tas-7 ta' Novembru 2007 kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lil Tashrukit-Alhoraya, ta' Benghazi, Libja**

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi *Johnson & Johnson* hija magħrufa sew madwar id-dinja, ukoll f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ta' ndafa personali tal-markji "*Johnson's"* u "*Johnson & Johnson*" u li hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju tagħha. Barra minn hekk b'ħila u b'invenzjoni, s-soċjetà attriċi kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademark*

"*Johnson's*" u "*Johnson & Johnson*" dwar prodotti ta' ndafa personali. Fost oħrajn, is-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrati bħala *trademarks* komunitarji (CTM) bin-numri 003477891 – "*Johnson's*" (tikketta) u 003474764 – "*Johnson & Johnson*" (tikketta), b'seħħ mit-30 ta' Ottubru 2003, u dan f'kull każ *inter alia* dwar *cleaning preparations.*

Barra min hekk, fost oħrajn is-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrati bħala *trademarks* komunitarji bin-numru ta' reġistrazzjoni 21797 – "*Johnson's*" (tikketta) u 021793 – "*Johnson & Johnson*" (tikketta), it-tnejn b'seħħ mill-14 ta' Settembru 1992, u dan f'kull każ *inter alia* dwar *cleaning preparations.*

Is-soċjetà attriċi hija *"*detentriċi ta' dritt*"* għal dak li jgħidu u jridu d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-*Council Regulation (EC) Nº 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights,* biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni mogħtija fl-artikli 2(1)(*a*)(i), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414 u taħt id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 1(*a*)(i), 10, 16 u 17 ta' l-istess *Council Regulation (EC) Nº 1383/2003* fost oħrajn.

Dan l-aħħar, waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-istess Kap. 414 u fl-artiklu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien żamm milli jinħareġ il-*container* ECMU 9154175 li kien fih fost oħrajn prodotti ta' ndafa personali tat-tip *cleanisng facial wipes* ġewwa pakketti li lkoll fihom *inter alia* s-sinjali "*Johnson's*" u "*Johnson & Johnson*" bħal dawk tas-soċjetà attriċi miktubin b'mod distintiv u prominenti. Dawn il-prodotti waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana *in transitu* sabiex eventwalment jingħataw f'idejn *consignee* muri fuq l-istess *bill of lading* bħala Tashrukit-Alhoraya, ta' Benghazi, il-Libja, u *prima facie* dehru ċar lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali.

Is-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejba fis-6 ta' Diċembru 2006 u, wara li eżaminat ritratti elettroniċi ta' kampjuni ta'

dawn l-oġġetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li sussegwentement indika bħala ammont globali ta' oġġetti bi ksur "*10 Carton boxes × 144 packages each Wet Wipes*".

Għalhekk il-prodotti li dwarhom saret din il-kawża jiksru d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi. Għal dan il-każ japplikaw ukoll *inter alia* u barra d-disposizzjonijiet ta' liġi msemmija fuq, id-dispossizjonijiet rilevanti ta' l-artiklu 9 1.(a) u (b) tal-*Council Regulation (EC) Nº 40/94 on the Community trade mark,* kif ukoll id-disposizzjonijet rilevanti ta' l-artikli 10(2)(*a*) u (*b*), 14 sa 19 ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), ta' l-artiklu 76A(1) tal-Att XXII tal-2005 dwar Azzjonijiet Ġudizzjarji (Miżuri Varji) u tar-regolament numru 9 ta' l-Avviż Legali 233 tal-2003.

Wara li lis-soċjetà attriċi ngħataw id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, ingħatalha żmien sad-9 ta' Jannar 2007 sabiex tingħatalu l-prova li nbdew il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili meħtieġa kontra l-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-meritu tal-każ.

Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

1. tgħid li l-prodotti ta' ndafa personali tat-tip *cleansing facial wipes,* ġewwa pakketti li lkoll fihom fost oħrajn s-sinjali "*Johnson's*" u "*Johnson & Johnson*" bħal dawk tas-soċjetà attriċi miktubin b'mod distintiv u prominenti, u li bħalissa jinsabu taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;
2. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti lil hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li ma jħallix li ssir xi ħsara lis-soċjetà attriċi, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jeqred dawk il-prodotti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-konvenuta u bi flusha;
3. tieħu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tan-negozju;
4. tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha li jkunu meħtieħa għall-għanijiet tat-tieni u tat-tielet talbiet, fosthom dawk tal-ġarr, tal-ħażna u tal-qerda tagħhom.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

Rat in-nota tal-kuratur Avukat Richard Sladden *a fol*. 46 tal-proċess

Mix-xiehda b'*affidavit* ta' Avukat Luigi A. Sansone, bħala rapprezentant tas-soċjetà attriċi, u ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana, jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka "*Johnson's*" u "*Johnson & Johnson*" tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi s-soċjetà intimata kisret id-dritt ta' *trademark* tas-soċjetà rikorrenti, tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana, is-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja ta' prodotti ta' ndafa personali tat-tip *cleansing facial wipes,* ġewwa pakketti li lkoll fihom fost oħrajn s-sinjali "*Johnson's*" u "*Johnson & Johnson*" fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti.

Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u kif mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------